MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2011

Numru 1042/2011

**Il-Pulizija**
**(Sp Christopher Pullicino)**
**(Sp Malcolm Bondin)**

**vs.**

**Josef Xerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef Xerri ta’ 16 -il sena, bin missier mhux maghruf u Ermelinda nee’ Xerri, imwieled Valletta fis-17 t’Ottubru 1994 joqghod Flat 18, Rebecca Crt A, Flat 2, Triq Jean De La Vallette, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-identita’ bin-numru 460594M

Akkuzat talli nhar is-27 t’awissu 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe;

1. talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu, gewwa l-Bajja ta' San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' Alessandro Grappi u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 t'Awissu 2011 ghall-habta ta' s-siegha u nofs ta' filghodu, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro)u sar ghad-dannu ta' Quentin Louis Georges u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-31 ta' Lulju 2011 u l-1 t'Awissu 2011 ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu, gewwa Pembroke, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti fosthom mobile phone tad-ditta Samsung u wallet, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u sar ghad-dannu ta' Alexander Puludnitsin u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 t'Awissu 2011 meta sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehudha b'qerq jew akkwistata b'reat u cioe kellu fil-pussess tieghu mobile phone tad-ditta Nokia, naqas li jaghrraf lil pulizija dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija, li ghandu fedina penali netta u l-eta zghira tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 262 (b), 267, 270, 279(a) u 334A u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------